MALTA
# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014
Citazzjoni Numru. 398/2005

**Joseph Caruana (K.I Nru. 230783M) u**

**martu Susan Caruana (K.I Nru. 39667M)**

**VS**

**Dominic Cutajar (K.I Nru. 177756M) u**

**martu Mary Cutajar (K.I Nru. 655956M)**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressqa fl-26 t'April 2005 mill-atturi li taqra hekk:

*"Premess illi l-kontendenti ffirmaw konvenju datat 14 ta' Ottubru, 1993 (Dok.B u C) fejn il-konvenut Dominic Cutajar obbliga ruhu li jbiegh jassenja u jittrasferixxi lill-atturi l-appartament internament immarkat bin-numru wiehed (1), formanti parti minn zewg appartamenti minghajr isem u minghajr numru, sovrastanti garage ukoll bla isem u bla numru mibni fuq plot numru disghajn (90), fi Triq il-Merhla, Fgura;*

*U Premess illi bhala depozitu fuq dan il-konvenju, l-atturi hallsu lil-konvenut Dominic Cutajar is-somma ta' elfejn u erba' mitt lira (Lm2,400) mal-konvenju, u sussegwentement elf u sitt mitt Lira (Lm1,600) ohra (Dok.D);*

*U Premess illi l-konvenut, minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-att finali ta' trasferiment, anke permezz ta' ittri gudizzjarji, l-istess konvenut naqas li jaghmel dan;*

*U Premess illi permezz ta' citazzjoni pprezentata fil-31 ta' Mejju, 1994 (Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et (339/95GC), l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti f'dik il-kawza sabiex jersqu, fi zmien qasir u perentorju, ghall-pubblikazzjoni ta' l-att finali ta' trasferiment tal-fond fuq imsemmi;*

*U Premess illi permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Mejju, 2003 (Dok.E), il-Qorti ddecidiet, inter alia, li ma tilqax it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut odjern Dominic Cutajar "stante li hu ma jistax jigi mgieghel li jittrasferixxi propjeta' li tirrizulta li mhux tieghu. Jista jkun hemm azzjonijiet ohra kompetenti lill-atturi kontra l-konvenut Cutajar izda zgur mhux azzjoni bhal din li qed tigi ttentata presentement mill-atturi.";*

*U Premess illi, waqt il-perjodu prekontrattwali miftiehem fil-konvenju, l-atturi ghamlu diversi benefikati fil-fond in kwistjoni, u dahlu fi spejjez ohra bi thejjija ghall-att finali ta' trasferiment tal-fond li kellu jkun id-dar matrimonjali taghhom;*

*U Premess illi, minhabba l-agir qarrieqi tal-konvenut, l-atturi kellhom jikru fond iehor sakemm giet terminata l-kawza l-ohra fuq imsemmija.*

*Jghid ghalhekk l-istess konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

*1. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-agir qarrieqi u illegali tal-konvenuti Dominic Cutajar, u dan, occorrendo, b'opera ta' periti nominandi.*

*2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni hekk likwidati u dan ghar-ragunijiet premessi.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu dawn id-danni hekk likwidati, u kif ukoll iroddu lura dawk l-ammonti mhallsa lilhom mill-atturi bhala depoziti kif fuq intqal.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk taz-zewg ittri ufficjali tat-23 ta' Marzu, 1994 u tat-28 ta' April, 1994, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-atturi tas-26 t'April 2005;

Rat illi ic-citazzjoni, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-konvenuti;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti tat-2 ta' Dicembru 2005 li taqra hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok t-talbiet attrici huma preskritti. Ghal dak illi jirrigwarda t-talba ghad-danni din hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt ghal dak illi jirrigwarda t-talba ghar-rifuzzjoni tal-hlasijiet illi saru mill-atturi bhala depoziti din hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dana stante illi l-konvenuti mhux responsabbli ghad-danni illi setghu soffrew l-atturi.*

*3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ghal dak illi jirrigwarda l-hlas tas-somma ta' Lm2,400, mhux minnu illi din kienet thallset mal-konvenju kif gie allegat mill-atturi, izda thallset fl-14 ta' Ottubru 1993 ai termini ta' skrittura ohra li kien wiehed ta' appalt, liema skrittura giet ezebita mill-atturi stess u mmarkata bhala Dok.A.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kienu ghamlu diversi xogholijiet fil-fond in kwistjoni fuq inkarigu tal-atturi, ghal liema xogholijiet huma ghandhom jigu kumpensati.*

*5. Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-konvenuti tat-2 ta’ Dicembru 2005;

Rat id-digriet ta’din il-Qorti kif diversament preseduta tal-1 ta’ Frar 2006 fejn innominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 31);

Rat id-digriet ta’din il-Qorti kif diversament preseduta tal-10 ta’ Gunju 2008 fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat lil Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg (a fol. 117);

Rat in-nota tal-Perit Legali tat-12 t’Ottubru 2010 (a fol.126);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg prezentata fis-6 ta’ Marzu 2013 u mahlufa fit-13 ta’Novembru 2013 (a fol. 151A et seq);

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet tal-atturi tal-21 ta’Jannar 2014 (a fol.400);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-14 ta’Mejju 2014 illi bih il-partijiet iddispensaw bit-trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-affidavit ta’ Susan Caruana a fol. 34 et seq tal-process jirrizulta illi hija u l-gharus taghha, illum zewgha Joseph Caruana, kienu semghu bl-appartament meritu tal-kawza odjerna minn riklam fuq il-gurnal tat-Times fl-10 t’Ottubru 1993. Ghamlu kuntatt immedjat mis-sid li identifika ruhu bhala l-konvenut Domenic Caruana. Xi jiem wara raw l-appartament u fl-14 t’Ottubru 1993 iffirmaw skrittura privata Dok. A a fol. 5 tal-process. Kien prezenti ghal din l-iskrittura missierha Joseph Grima. Susan Caruana xhedet illi kienu hallsu lill-konvenut Caruana s-somma ta’ elfejn u erba’ mitt liri Maltin (Lm2,400), permezz ta’ zewg *bank drafts*. Sussegwentement fit-22 t’Ottubru 1993 harget is-*sanction letter* ghal-*loan facility* ghal koppja Caruana mill-Bank of Valletta ghal-ammont ta’ hamest elef u erba

mitt liri Maltin (Lm 5,400). Susan Caruana xhedet li fl-20 t'Ottubru 1993 l-atturi kienu ghaddew *bank draft* iehor lill-konvenut (permezz ta' Joseph Grima) fl-ammont ta' Lm1,600 bhala depositu ghax-xiri tal-imsemmi appartament - vide ricevuta SC2 a fol. 39.

Fit-3 ta' Novembru 1993 iffirmaw konvenju ghand in-Nutar Peter Fleri Soler ghar-rigward tal-appartament indikat fic-citazzjoni vide Dok. B a fol. 8 et seq. u Dok. C a fol. 11.

Nelfrattemp, il-koppja Caruana bdiet tezegwixxi xoghlijiet fuq il-post, xtraw il-materjal minghand l-istess konvenut peress illi dan kellu hanut "Euromall" f'SantaVenera. Il-konvenju kien ser jiskadi fit-3 ta' Frar 1994. Peress illi x-xogholijiet fil-parti komuni tal-blokka ma kienux tlestew fl-1 ta' Frar 1994, geddew il-konvenju bi tlett xhur ohra– vide Dok. SC3 a fol. 40 tal-process. Il-koppja Caruana indunaw li l-konvenut kien qed jezegwixxi xoghol hazin fil-partijiet komuni tal-blokk – vide rapport tal-Perit Agius Dok. SC4 a fol. 41, u wara li kellmu in-Nutar Fleri Soler u l-Avukat taghhom, baghtu ittra ufficjali lill-konvenut SC5 a fol. 43, liema ittra ufficjali iggib id-data tat-23 ta'Marzu 1994.

Ftit wara saru jafu minghand in-Nutar, illi filfatt Domenic Cutajar ma kienx is-sid proprju tal-istess appartament u li kien ghadu fuq konvenju ma certu Oreste Gatt. Huma ghalhekk baghtu ittra ufficjali Dok. SC6, fit-28 t'April 1994 –vide fol.44 sabiex jersaq ghal kuntratt finali. Fit-3 ta' Mejju 1994 l-atturi ressqu ghal kuntratt finali izda il-konvenut ma deherx. Ftit granet wara, l-intimat Cutajar baghat ittra ufficjali Dok. SC7 a fol. 45 fejn talab illi jigi mgedded il-konvenju ghal tlett xhur ohra. Nelfratemp l-atturi pprocedew b'Mandat t'Inibizzjoni. Saret laqgha ulterjuri ma Domenic Cutajar fl-ufficcju tan-Nutar. L-attur insistew li Cutajar kellu jlesti x-xoghlijiet fi zmien xahar, b'penali ta' ghaxar liri kuljum (Lm10) fin-nuqqas. Il-konvenut ma accettax u saqah li xoghlijiet kienu gew ezegwiti sew. L-atturi intavolaw diversi ittri ufficjali vide SC8 sa SC11 minn fol 46 sa 49 u fil-31 ta'Mejju 1994 inizjaw kawza kontra l-intimat Cutajar. Irrizulta ukoll mill-Perit tal-atturi Emanuel Agius, illi l-bini inkwistjoni ma kienx sar skond l-permess tal-awtoritajiet kompetenti. Il-konjugi Caruana xhedu illi insegwitu taz-zwieg taghhom, huma spiccaw bla residenza u kellhom jikru fond alternattiv u cioe' 5 Mellifont Flats, Triq il-Mazzola San Pawl il-Bahar u sussegwentement fond iehor 2, Triq San Martin Rabat – vide ricevuti SC12 minn fol. 50 sa 59.

Illi bis-sentenza tat-2 ta' Mejju 2003 il-Qorti cahdet it-talbiet tal-atturi *"'l ghaliex min dahal ghal konvenju ma kienx is-sid u ghalhekk ma setghax ibiegh."* - vide fol. 36.

Joseph Caruana, fl-affidavit tieghu a fol. 61, ikkonferma ix-xhieda ta' martu Susan. Zied jghid illi fiz-zmien illi kien qieghed jahdem fl-appartament meritu tac-citazzjoni odjerna, kienu gew persuni jistaqsu ghal-Domenic Cutajar 'l ghaliex kellu jaghtihom il-flus. Joseph Caruana xehed illi kien mar ghand in-Nutar, u dan kiteb id-dikjarazzjoni Dok. JC1 (li tinsab a fol. 62) u l-intimat Cutajar iffirma.

Fl-affidavit tieghu, Joseph Grima a fol. 63, missier Susan Caruana, ikkonferma x-xhieda ta' Susan Caruana, il-hlasijiet tad-depozitu permess ta' zewg bank drafts fis-somma ta' elf u erba' mitt liri Maltin (Lm1,400) u elf liri Maltin (Lm1,000) u il-hlas permezz tat-tielet bank draft fl-ammont ta' elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600), li Joseph Grima personalment hallas lil konvenut Cutajar fid-dar tieghu f'Santa Lucija.

Carmen Grima fl-affidavit taghha a fol. 67, xhedet illi hija kienet iltaqghet mal-intimat meta l-atturi kienu marru jaraw il-fond l-ewwel darba. Hija kkonfermat li Domenic Cutajar tkellem fuq il-fond bhal li kieku huwa kien il-proprjetarju.

In-Nutar Peter Fleri Soler a fol. 68 ikkonferma li rrediga l-konvenju bejn l-atturi u Domenic Cutajar fit-3 ta' Novembru 1993 dwar il-bejgh tal-appartament meritu tac-citazzjoni li kien jaghlaq fit-3 ta' Frar 1994, liema konvenju gie estiz fl-1 ta' Frar 1994 sat-3 ta' Mejju 1994. Meta qorob iz-zmien ghal-kuntratt finali, il-komparenti insistew li Cutajar kellu jlesti certu xoghlijiet qabel l-att finali u ghaldaqstant kien taghhom il-parir ikellmu l-avukat taghhom.

Mir-ricerki tieghu irrizulta li l-venditur kellu jkun Oreste Gatt u mhux Domenic Cutajar. In-Nutar kien ipprepara ftehim datat 13 ta' Mejju 1994 ghal konferma tal-konvneju izda dan il-ftehim qatt ma gie iffirmat.

Fix-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Demicoli –vide fol. 79 et seq. Oreste Gatt xehed illi huwa kien dahal f'konvenju ma Domenic Cutajar fuq iz-zewg appartamenti tal-blokk in kwistjoni. Wiehed minn dawn il-flats kien fil-fatt inbiegh minn Domenic Cutajar. Ghar-rigward tal-flat meritu tac-citazzjoni, Oreste Gatt xehed *" Jien propjament ma nafx x'gara, ghaliex jiena xi ftehim ghamlu bejnithom ma nafx. Li kien zgur li l-kuntratt ma*

*sarx ghaliex Gatt u Cutajar ma dehrux ghal-kuntratt. Zied jghid li hu sahhansittra gie mcahhad mill-access ghal dan il-flat minkejja l-fatt li ma thallasx tieghu, u li kien ghadu imcahhad mill-pussess tal-istess flat."* Gatt ikkonferma li kien hemm proceduri l-Qorti bil-konsegwenza li dan il-flat ma setghax jinbiegh. Gie ezebit Dok. OG, il-konvenju datat 19 t'Ottubru 1992, a fol. 76.

Fl-affidavit tieghu a fol. 85, Domenic Cutajar xehed li l-atturi kienu jafu illi huwa ma kienx proprjetarju tal-fond inkwistjoni u li hu kien fuq konvenju fuq l-istess post fid-data tal-iffirmar tal-konvenju fl-14 t'Ottubru 1993. Huwa sahaq illi l-atturi bdew jesegwixxu xi xogholijiet fuq il-fond ghar-riskju taghhom u minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu, tant hu hekk illi huwa kien baghat ittra permezz tal-avukat taghhom biex jintimhom formalment milli jkomplu ix-xoghlijiet fuq fond ta' terzi.

Di piu' in-Nutar li rrediga l-konvenju bejnu u l-atturi, kien l-istess Nutar illi kien irrediga l-konvenju bejnu u bejn Oreste Gatt dwar l-istess appartament. Ghaldaqstant jichad illi qarraq bl-atturi. Di piu' xhed li hu ma kellu jaghti xejn lill-atturi.

In kontro ezami Susan Caruana a fol. 100 et seq. xhedet illi Domenic Cutajar u n-Nutar Fleri Soler ma kienux informawhom illi l-appartament inkwistjoni kien jappartjeni lill-Oreste Gatt. Hija xhedet illi saret taf b'Gatt fi zmien illi huma intavolaw il-kawza l-ohra fis-sena 1995. Hija ikkonfermat illi hija u zewgha kien ghaddew lil Domenic Cutajar ebghat elef liri Maltin (Lm4,000) akkont ghal-prezz tal-flat, izda li parti mill-ahhar pagament ta' elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600) kienu ghax-xogholijiet li Cutajar kien qed iwettaq. Tinnega li l-partijiet komuni tal-flat kienu tlestew. Caruana xhedet illi minkejja li kien sar it-tikhil, beda jidhol l-ilma u ghaldaqstant kellhom igibu l-perit. Minkejja illi c-cavetta tal-partijiet komuni kienet baqghet fil-pussess taghhom x'aktarx din kienet intilfet - vide fol.105. Caruana sostniet illi ma tiftakarx jekk in-Nutar Fleri Soler kienx informahom li il-proprjetarju tal-flat kien Gatt, u dana minkejja ir-referenza ghax-xhieda tan-Nutar li tinstab a fol.85 citazz 339/1995/GC. Susan Caruana ma setghetx tiftakar kemm il-darba mal-konvenju gewx ezebiti pjanta u *site plan*. Murija Dok. JS2 ikkonfermat li kienet rat din il-pjanta. Caruan ikkonfermat li l-applikazzjoni PA3811/1994 kienet giet fil-pussess taghha zgur wara li kienu iffirmaw il-konvenju. Murija Dok. JAS3 permess tal-bini illi indika lil Oreste Gatt bhala sid il-proprejta', Susan Caruana xhedet illi qatt ma rat dan id-dokument.

In ri ezami a fol. 113 Susan Caruana xhedet illi fil-5 ta' Novembru 1994, cioe' in-notifika tal-ittra ufficjali mibghuta lil Domenic Cutajar, hi u zewgha kienu ga wettqu il-parti l-kbira mix-xogholijiet fil-flats.

Joseph Caruana in kontro-ezami a fol. 224 , ikkonferma illi sar jaf min kien l-propjetarju tal-fond li dwaru kien ffirma l-konvenju ma' Dominic Cutajar, ftit qabel ma fetah l-ewwel kawza.

B'referenza ghall-ittra ufficjali Dok.SC9 datata d-19 ta' Ottubru 1994, Caruana ma setghax jghid in vista tat-trapass taz-zmien jekk hu u marti kienux rcevewha.

Muri Dok.JAS1 ezebit fl-ahhar seduta li minnu jirrizulta li attwalment Caruana kien gie notifikat fil-5 ta' Novembru 1994, Caruana xehed illli x'aktarx din l-ittra wasslet wara li dahlu l-Qorti l-ewwel darba biex jiddevjenu fuq l-kuntratt.

*"Mistoqsi jekk din il-kawza ftahnieha madwar hames xhur wara li rcevejna dik l-ittra ufficjali, nghid illi jista' jkun."*- vide fol. 225.

Caruana xehed illi mal-konvenju, Dominic kien tah pjanta tal-post, u ma dehrlux u ma innotax li kien hemm l-isem ta'Oreste Gatt fuq il-pjanta.

*"Mistoqsi illi la darba kont naf illi l-propjetarju tal-fond in kwistjoni kien Oreste Gatt u dan sa minn qabel ma ftaht l-ewwel kawza, x'kien ir-raguni li ftaht l-ewwel kawza u ma mortx direttament ghall-kawza ta' llum, nghid illi l-ewwelnett meta ftaht l-ewwel kawza kien hemm kwistjoni fuq ix-xoghol li ghamel hazin u ghalhekk ftaht il-kawza. Tieninett meta taghni parti minn somma ta' flus b'hekk kien dak.*

*Mistoqsi jekk niftakarx illi fil-kawza li nfethet fil-31 ta' Mejju 1994 ftahtx il-kawza ukoll kontra Oreste Gatt, nghid illi iva niftakar. Ir-raguni kienet li ma kontx naf jekk kien hemm konvenju bejnu u bejn Oreste Gatt. Ma kont naf xejn."* – vide fol. 226.

Joseph Caruana xehed illi kien hallas is-somma ta' erbghat elef liri Maltin (Lm4000) lil Dominic. Dawn kienu jinkludu id-depozitu u flus ohra biex Domenic Cutajar jirranga il-post ghaliex qal li ma kellux flus sabiex jispicca l-post. Caruana xehed illi x-xogholijiet tal-

partijiet komuni li kellhom jitlestew minn Domenic Cutajar *"thallew nofs lehja".* Caruana baqa' jinnega illi kien gie informat mill-intimat Cutajar jew mill-intimat li Oreste Gatt kien il-proprjetarju tal-fond inkwistjoni.

Joseph Caruana in kontro-ezami, kompla jixhed a fol. 232, illi jiftakar li kien hemm xi permess tal-MEPA fuq barra tal-propjeta', izda ma ftakarx jekk il-permess tal-MEPA kellux indikat l-isem ta'Oreste Gatt bhala proprjetarju.

Xehed illi iffirma *in blank* l-applikazzjoni ghas-servizzi tad-dawl u l-ilma, liema applikazzjoni kienet giet mghoddija lilu mit-tifel ta' Dominic Cutajar li kellu xi ghaxar snin.

Caruana xehed illi ma kienx jaf jekk il-flat sovvrastanti ghall-appartament inkwistjoni kienx inbiegh u min kien in-Nutar involut.

*"In-Nutar tieghi kien se jkun in-Nutar Peter Fleri Soler. Le qatt ma qalli li kien in-Nutar involut fil-flat ta' fuqi."*- vide fol. 233

Ivor Robinich rapprezentant tal-MEPA prodott mill-konvenuti, ipproduca kopja tal-permess PA 3811/94, Dok.IR1, Dok.IR2, Dok.IR3, Dok.IR4.

***"Skond dan il-permess, l-applikant huwa Mr Oreste Gatt. L-isem Dominic Cutajar ma jissemma mkien."***- vide fol 235.

Ikkonferma illi l-MEPA ma gietx informatha bil-konvenji li kien hemm fuq il-proprjeta' inkwistjoni.

Joseph Caruana in kontro-ezami a fol. 237, xehed illi l-atturi pprovaw jiffirmaw l-kuntratt finali izda Oreste Gatt u Dominic Cutajar ma attendewx.

Muri kopja ta' l-applikazzjoni Dok.DC1 u pjanta annessa Dok.DC2, Caruana gharaf il-firma tieghu u sostna li ghal-bqija ma kienitx il-*handwriting* tieghu. *"Is-sid jidher li jismu xi hadd Gatt."* – vide fol. 237.

Ivor Robinich rapprezentant tal-MEPA prodott mill-konvenuti, ezebixxa kopja tal-permess PA 3811/94, Dok.IV1, flimkien ma’ pjanta Dok.IV2 mahrug f’isem Mr Oreste Gatt.

Dominic Cutajar in ezami a fol. 249, xehed li ftit qabel ma sar il-konvenju ghand in-Nutar Fleri Soler, ghen lill-atturi sabiex tohrog is-*sanction letter* ghall-*loan facility* mill-*branch* tal-BOV, u ezebixxa kopja ta’ din is-*sanction letter* Dok.JS1. ***“Jiena nghatajt din il-kopja minghand il-Bank ghax kont ghamilt tajjeb ghalihom indirettament jiena. Il-Bank fil-procedura jaghmel surety note u kont iffirmajt surety note kemm ghal din is-sanction letter, kif ukoll ghas-sanction letter tal-propjeta’ soprastanti.”***- vide fol. 249- 250.

Cutajar xehed illi kien dahal f’konvenju ma’ Oreste Gatt fuq iz-zewg propjetajiet, wiehed minnhom il-flat in kwistjoni. ***“Dok.JS1 juri kemm bil-provi jiena ridt inwettaq il-bejgh kompletament tal-flat in kwistjoni. Jiena kont informajthom kemm qabel u kif ukoll waqt illi konna qed niffirmaw il-konvenju ghand in-Nutar illi jiena qieghed fuq konvenju ma’ Oreste Gatt fuq il-propjeta’ kompluta minn fuq s’isfel.”*** Vide fol. 250.

Cutajar ezebixxa l-permessi tal-PAPB tal-blokk taz-zewg appartamenti, fuq isem Oreste Gatt, Dok.JS2.

***“..il-kunjom Galea wara isem Oreste huwa zbaljat u kellu jkun Gatt.”***- Ibid

***“Eventwalment ezatt maz-zmien li ghamilna l-konvenju mal-atturi gara illi saret taqliba fil-mod kif jigu ezegwiti l-permessi u giet ikkreata l-MEPA, ghalhekk ahna mill-gdid kellna nergghu napplikaw ghall-permessi, cioe’ Oreste Gatt, u f’dan is-sens qed nezebixxi l-permess mahrug mill-MEPA datat 17 ta’ April 1995, li qed jigi mmarkat bhala Dok.JS3 – din id-darba korrettament f’isem Oreste Gatt u mhux Galea.”*** – vide fol. 250

Cutajar ezebixxa Dok.JS4 rapport tal-Perit Ronnie Muscat Azzopardi, datata 23 ta’ Gunju 1994.

Cutajar xehed illi mal-iffirmar tal-konvenju, ***“konna tajnihom pjanta li fuqha ffirmaw it-tnejn li huma… …Barra isimhom fuq din il-pjanta hemm ukoll illi l-pjanti saru ghas-sid Oreste Gatt.”*** –vide fol. 251.

Cutajar nnega li ma attendejtx ghal xi att finali. Huwa sostna li meta sejhulu biex jidher ghall-att, *“kienu sejhu lili biss ghand in-Nutar Fleri Soler fil-prezenza tal-atturi u missier Susan Grima, illi x’hin jiena ghidtilhom li ma nistax niffirma wahdi ghax jien qieghed fuq konvenju ma’ Oreste Gatt u jridu jidhru terzi ....mill-BOV, x’hin ra hekk missier Susan Grima dana qam u hebb ghalija......”* vide fol.251

Imbaghad giet intavolata l-ewwel kawza li kif jirrizulta mis-sentenza, *“ qalu li jiena ma stajtx nbiegh il-propjeta’ lil terzi”.* Ibid.

Oreste Gatt xhed illi kellu propjeta’ gewwa Triq il-Merhla, Fgura. Kien dahal f’ konvenju ma’ Dominic Cutajar fuq blokk ta’ zewg appartamenti– *“kien konvenju wiehed ghal zewg appartamenti.”* Vide fol 253.

*“Il-konvenju gie ffirmat f’xi 1992. Kellu data meta jiskadi dan il-konvenju. Meta nbiegh ta’ fuq, inbiegh lil terzi u mhux lil Cutajar. Kont dehert jien bhala l-venditur. In-Nutar kien Peter Fleri Soler. Inbiegh lil Lawrence Gilford fit-13 ta’ April 1994.”* Ibid.

Rigward il-konvenju dwar il-fond meritu tal-kaz, Cutajar kien qal lil Oreste li kien dahal f’ konvenju ma’ haddiehor u cioe’ certu Joseph Caruana.

Oreste Gatt xhed testwalment:

*“L-appartament li Caruana kellu ma’ Cutajar li dwaru jien kelli konvenju ma’ Cutajar, il-konvenju ta’ bejnietna spicca. Jigifieri l-post irreverta lura ghandi u ghadu ghandi.”* Vide fol.254.

Gew ezebiti x-xhieda tan-Nutar Peter Fleri Soler, ta’ Valerio Debono u ta’ Christopher Warren, Dok.PFS, liema xhieda inghatat fil-kawza l-ohra.

Oreste Gatt in kontro-ezami, xhed illi kien jaf li Dominic Cutajar kien dahal f’konvenju ma’ Joseph Caruana fuq wiehed mill-appartamenti.

**Gatt xhed illi Cutajar ma talbux biex jersaq ghall-bejgh. Gatt xehed li ma resaqx ghall-kuntratt ta’ bejgh ma’ Caruana, ghax ma kienx jaf min kienu.**

*"Hadd ma qalli biex nersaq ghall-ebda kuntratt."* -vide fol 256.

Gatt xehed illi kien hemm permessi kemm fuq il-blokk kif ukoll fuq il-flat meritu tac-citazzjoni.

*"Fuq l-istess binja bhalissa, iva, ghandi kawzi ohrajn kontra Cutajar dwar l-istess binja."* – (Ibid) , u cioe rigward il-garaxx fl-istess blokk t'appartamenti.

Gew ezebiti Dok.EW1, atti tal-kawza fl-ismijiet 'Oreste Gatt vs Domenic Cutajar'.

Dominic Cutajar in kontro-ezami u b'referenza ghal Dok.EW1, **xehed illi ma kienx veru illi l-proprejta' meritu tac-citazzjoni ma kienx kopert bil-permessi necessarji**. Li gara pero kien illi meta giet stabbilita il-MEPA in segwitu tal-PAPB, kull permess kellu jigi rivalutat. Di piu' kull tip ta'permess ghad-dawl u l-ilma u ghad-dranagg jew xi alterazzjonijiet ohra, kienu jirrikjedu permess mill-gdid mill-MEPA.

Il-permess tal-PAPB u dikjarazzjoni tal-Perit Dok.STZ kienu gew mghoddija lil MEPA.

Cutajar sostna illi l-kuntratt finali ma sehhx ghar-raguni ta' nuqqas ta' permessi necessarji izda 'l ghaliex meta sejjahlu n-Nutar Fleri Solar fl-ufficju tieghu ghall-att finali, Oreste Gatt u rapprezentant tal-BOV ma kienux prezenti:

***"B'referenza ghal pagna 12 ta' Dok.EW1, jiena tlabt lill-Qorti tiddikjara, fost affarijiet ohra, li l-fondi li kelli nixtri u nakkwista minghand Oreste Gatt, qatt ma gew trasferiti lili, billi Gatt kien obbliga ruhu li l-fondi jkunu koperti bil-permessi rikjesti mill-Ligi, izda gara illi l-permessi tal-bini ma kienux in regola kif patwit. Ghal din nerga' nsostni li l-permessi tal-bini kienu in regola. L-iskop li l-fond jigi trasferit lili, u cioe' naghmel kuntratt finali ma' Oreste, ma kenitx necessarja mill-parti tieghi, ghax l-iskop originali kien li nixtru l-propjeta' fuq konvenju biex inkun nista' ninnegozjah u jidhru terzi kif kien hemm stipulat fil-konvenju tieghi ma' Oreste Gatt."*** – Vide fol 259 u 260.

Cutajar xehed illi x-xogholijiet ta' tlestija fil-flats baqa' ghaddej wara l-konvenju, sakemm l-atturi fethu l-kawza. "*Kull ma ghamilna kien li zbajna l-faccata u r-rampa tal-garaxx, li ma kelliex x'taqsam mal-flat taghhom."*- vide fol. 260

Cutajar ikkonferma illi l-atturi ghamlu xi xogholijiet fl-appartament meritu tac-citazzjoni.

*"Mistoqsi ghalfejn ma avzajtx lil min kien ser jixtri (u cioe' l-atturi) meta jiena kont naf b'dan il-problema tal-Planning Authority, nghid illi ahna lill-atturi avzajnihom b'ittra registrata li baghatniha ghand Dr Toni Abela biex dawn ma jkomplux jaghmlu xoghol fil-fond. Din l-ittra hija ezebita fil-process."*- (Ibid)

Cutajar ikkonferma li l-konvenju gie mgedded darbtejn.

Dominic Cutajar in kontro-ezami, b'referenza ghal Dok.SC5, Dok.SC6, Dok.SC8, Dok.SC10 u Dok.SC11, ikkonferma li dawn kienu ittri ufficjali li rcieva.

Mistoqsi dwar il-fatt li f'wahda minn dawn l-ittri ufficjali (Dok.SC5) hemm dikjarat li lanqas biss ikkonsenja kopja tal-pjanta tal-fond in kwistjoni, Cutajar xehed li dan ma kienx minnu ghax fil-fatt kien kkonsenja pjanta tal-post endorsjata bil-firem ta' l-atturi fil-bidunett, u li din il-pjanta kienet ezebita fil-process.

**Rigward ill-ftehim fuq ix-xogholijiet, Cutajar xehed li kien tkellem mal-atturi waqt il-konvenju, kellu xi nies jahdmu fil-fond u ikkonferma li l-atturi kienu xtraw il-materjal mill-hanut tieghu.**

***"Mistoqsi jekk lil Oreste Gatt qatt tlabtu jersaq ghall-bejgh tal-post lill-atturi, nghid illi le, qatt ma tlabtu ghar-raguni li qatt ma kellna l-appuntament tan-Nutar biex naghmlu dan fis-sedja tal-BOV."*** – Vide fol. 263

Cutajar xehed illi kien ghad fadal biss xi xoghol hafif biex jitlesta, izda minhabba theddid da parti ta' Grima, missier l-attrici, Cutajar sostna li ma baqghax jersaq 'l hemm. Cutajar baqa' jsostni illi l-att finali ma sehhx 'l ghaliex ma kienux prezenti Oreste Gatt, u l-ufficcjali tal-BOV

Cutajar sostna ***"iva da zgur konna gharafna lil min kien ser jixtri illi kellna napplikaw ghal permessi mill-gdid. Mistoqsi jekk nafx b'xi multi li gew imposti mill-Awtorita' fuq din il-binja, nghid illi le, sa fejn naf jien, qatt ma gara hekk."*** - vide fol. 264.

Dr. Edward Woods ezebixxa kopji ta' diversi rcevuti cioe' Dok.XX1 sa Dok.XX23.

Dominic Cutajar in ri-ezami, ezebixxa kopja ta' applikazzjoni ghas-servizz ta' ilma f'isem Joe Caruana, u cioe' l-attur, bil-firma tieghu datata 25 ta' Novembru 1993, "***li fiha hemm indikat illi s-sid tal-fond in kwistjoni huwa Oreste Gatt",*** (Dok.TTT1) – vide fol. 265.

Cutajar xehed illi l-flus illi kien ghaddielu Caruana intefqu fil-fond li baqa' f'idejn Oreste Gatt. Cutajar xehed illi ma ha ebda benefikat minnu.

***"La lil Oreste Gatt u lanqas lili, la Caruana, la l-bank u lanqas in-Nutar ma qatt tawni xi appuntament ghall-publikazzjoni tal-kuntratt."*** – vide fol. 266.

Cutajar innega li l-applikazzjoni tad-dawl u ilma tal-fond giet iffrirmata *in blank* mill-atturi u li kien hu illi meliha sussegwentement.

**Qed jigi stabbilit illi l-*building permit* originali hareg fil-15 ta' Settembru 1987 ghal *terraced house* u *garage* – vide Dok. JS2 a fol. 275, il-permess ghal *"construction of two flats over garage in lieu of original plan for terraced house over garage"* hareg fis-17 t'April 1995 – vide Dok. JS3 a fol. 276.**

Fix-xhieda tieghu n-Nutar Peter Fleri Soler Dok. PFS a fol. 352 et seq, ikkonferma illi l-atturi kienu gew l-ufficju tieghu sabiex isir l-att finali izda kienu inqalghu problemi rigward xi xogholijiet li kienu ghadhom ma sarux u minhabba in-nuqqas ta' prezenza ta' Oreste Gatt.

Valerio Debono, rapprezentat mill-BOV a fol. 356, ikkonferma li l-atturi hadu loan ta' Lm5,400 u li din facilita' qatt ma giet utilizzata mill-atturi. Il-facilita' ta' self giet approvata mill-Branch Manager Christopher Warren f'Ottubru tas-sena 1993 u kancellata fi Frar 1997 stante li qatt ma giet uzata – vide fol.358 u 359.

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Gabrielle Buttigieg , taghraf illi ma tistghax takkolji il-maggiorparti tar-rezultanzi minnha raggunti ‘l ghaliex ma tistghax tabracca l-applikazzjoni taghha tal-ligi ghal-fatti li stabbilit din il-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-allegat agir qarrieqi u illegali tal-konvenuti, sabiex il-konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni subiti, u kkundannati li jirrifondu l-ammonti li thallsu lilhom mill-atturi bhala depoziti, akkont tal-prezz ta’ l-eventwali bejgh ta’ flat internament immarkat bin-numru wiehed formanti parti minn blokk ta’ zewg flats minghajr isem u minghajr numru, sovrastanti garage bla isem u bla numru, mibni fuq plot disghin (90), formanti parti mit-territorju maghrufa bhala “Il-Gonna ta’ San Leonard” fi Triq il-Merhla, Fgura, liema depoziti kienu thallsu lill-konvenuti.

Illi l-provi juru illi l-atturi kienu obbligaw ruhhom li jixtri u jakkwistaw l-imsemmija propjeta’ minghand il-konvenuti bi skrittura privata datata 14 ta’ Ottubru 1993 (Dok.A), permezz ta’ liema, l-atturi, bhala x-xerrejja, kienu hallsu l-ammont ta’ elfejn u erba mitt Liri Maltin (Lm2400) bhala depozitu fuq somma ikbar, hekk miftiehem bhala l-prezz tal-bejgh; u konvenju datat 3 ta’ Novembru 1993 (Dok.B u Dok.C), permezz ta’ liema, l-atturi bhala x-xerrejja, kienu hallsu l-ammont ta’ elf u sitt mitt Liri Maltin (Lm1600) bhala depozitu akkont tal-prezz tal-bejgh finali.

Illi tali konvenju (Dok.B u Dok.C), kien validu ghal tliet (3) xhur, u cioe’ l-kuntratt finali kellu jsir sat-3 ta’ Frar 1994, pero’ bi skrittura datata 1 ta’ Frar 1994, gie mgedded sat-3 ta’ Mejju 1994.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 28 ta’ April 1994 (Dok.SC6), b’referenza ghat-terminu ta’ l-imsemmi konvenju, l-atturi kienu interpellaw lill-konvenut, Dominic Cutajar, sabiex jaddivjeni regolarment ghall-publikazzjoni tal-att finali. Il-konvenut kienipprezenta r-risposta tieghu datata 16 ta’ Mejju 1994, fejn kien gharraf lill-atturi illi huwa ried li jersaq ghall-kuntratt fiz-zmien mitlub mill-Ligi, illi kien in *buona fede* u li pero’ huwa talab li l-konvenju jerga’ jigi mgedded ghal tliet (3) xhur ohra *“fl-interess prattiku ta’ kulhadd”*.

Illi, nonostante d-diversi interpellazzjonijiet sabiex il-konvenut Cutajar jersaq ghall-att finali ta' trasferiment, huwa baqa' inadempjenti, u ghalhekk, l-atturi kienu fethu kawza fl-ismijiet **'Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et'** (339/95GC) fil-31 ta' Mejju 1994 fejn talbu lill-konvenuti jersqu fi zmien qasir u perentorju, ghall-publikazzjoni ta' l-att finali ta' trasferiment tal-fond mertu ta' din il-kawza.

Illi, b'konvenju antecedente ghall-konvenju in kwistjoni, (u cioe' b'konvenju datat 19 ta' Ottubru 1992), certu Oreste Gatt kien obbliga ruhu li jbiegh, jassenja u jittrasferixxi l-fond mertu ta' din il-kawza lill-konvenut Dominic Cutajar, liema konvenju kien validu ghal **sentejn** , **u cioe' sat-18 t'Ottubru 1994..**

Di piu', fil-kawza pprezentata mill-atturi (339/95GC), hawn fuq imsemmija, fis-sentenza taghha tat-2 ta' Mejju 2003, din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, ddecidiet illi ma tilqax it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Dominic Cutajar ***"stante li hu ma jistax jigi mgieghel li jittrasferixxi propjeta' li tirrizulta li mhux tieghu."***

Illi, waqt il-perjodu prekontrattwali miftiehem bejn il-partijiet fil-konvenju, l-atturi ghamlu diversi benefikati fil-fond in kwistjoni u dahlu fi spejjez ohra bi thejjija ghall-att finali ta' trasferiment  tal-fond inkwistjoni.

Illi l-konvenuti sostnew illi t-talbiet attrici kienu preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tad-danni, u  ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-talba ghar-rifuzzjoni tad-depositi maghmula mill-atturi; illi it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt ; illi s-somma ta' elfejn u erba mitt liri Maltin (Lm2400), thallset fl-14 ta' Ottubru 1993 skond  skrittura ta' appalt u mhux fuq il-konvenju; di piu' il-konvenuti kellhom jithallsu ghad-diversi xogholijiet maghmula fuq inkarigu tal-atturi.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-eccezzjonijiet preliminari ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti: li t-talba ta' risarciment ta'danni subiti hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-talba ghar-rifuzzjoni tal-hlasijiet illi saru

mill-atturi bhala depoziti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza **Carmelo sive Charles Magri vs il-Kummissarju tal-Pulizija** (deciza mill-**Qorti ta' l-Appell**, fil-**5 ta' Ottubru, 1998**), l-Qorti tal-Appell kienet osservat illi l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu bejn tliet tipi ta' danni, u cioe', dawk derivanti minn delitt veru u propju, fejn il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' azzjoni kriminali, dawk derivanti minn htija akwiljana, fejn il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali, fejn il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin.

Illi dan il-punt kien diskuss ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuele Cassar vs Marija Ciappara** (deciza mill-**Qorti ta' l-Appell**, fit-**2 ta' Marzu, 1953**), fejn inghad:

> *"il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat tapplika biss ghad-danni akwiljana, naxxenti minn kawzi li, penalment mhumiex reati, imma jkunu delitti civili jew kwazi delitti."*

Skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Anna Vella vs Eric Darmanin** (deciza mill-**Qorti Civili, Prim'Awla**, **Imhallef Lino Farrugia Sacco**, fl-**10 ta' Dicembru, 2012**):

> *"Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "culpa" extra kontrattwali kif imsejha komunement "Culpa Aquiliana". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta' htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.*
>
> *Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta' Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II-789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia*

*kolpa extra-kontrattwali u* ***hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.”*** (Enfasi ta’ din il-Qorti)

Skond l-**Artikolu 2137** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

***“..., il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.”;***

Infatti skond l-insenjament tas-sentenza **Xuereb vs Agius**, fuq citata, inghad:

*“Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta’ Mejju 1952, “***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance***”, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta’ Gunju 1900, “***Scicluna nomine vs Trany nomine et***” fuq citata; Kummerc 31 ta’ Jannar 1935, “***Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar***”, Vol. XXIX-III-92;* ***Pugliese****, Parte II,* ***La Prescrizione Estintiva****, para. 63;* ***Laurent, Dto. Civile****, Vol. XXXII, para. 15;* ***Baudry****, Vol. XXVIII,* ***Prescrizione****, para. 380)...”*

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi kollha illi jirrizultaw mill-atti processwali, f’dan il-kaz, hi tal-fehma, illi filwaqt illi l-atturi veramente hallsu elfejn u erbgha mitt Liri Maltin (Lm2,400) bhala depositu fuq il-konvenju, parti mill-hlas illi sar permezz ta’bank draft ulterjuri fis-somma ta’ elf u sitt mitt liri Maltin (Lm1,600), (liema hlas sar permezz ta’ Joseph Grima) kien akkont ghax-xogholijiet mehtiega, liema xogholijiet kellhom jigu mwettqa minn Domenic Cutajar. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Susan Caruana a fol. 103:

“*illi parti minnu* (ta’ Lm1,600) *kien ghax-xogholijiet.”* Infatti l-ezistenza ta’xi forma ta’ kuntratt t’appalt bejn l-partijiet hija dikjarata fl-eccezzjoni numru tlieta tal-konvenuti. – vide fol. 27. Eppure il-kuntratt t’appalt attwali bejn il-partijiet ma giex ezebit.

Infatti l-iskrittura li giet iffirmata fl-14 ta’ Ottubru 1993 (Dok.A), u cioe’ qabel ma gie ffirmat il-konvenju datat 3 ta’ Novembru 1993 (Dok.B u Dok.C), turi biss lill-konvenut Dominic Cutajar bhala l-bejjiegh, l-atturi bhala x-xerrejja, l-hlas ta’ depozitu fl-ammont ta’ elfejn u erbgha mitt Liri Maltin (Lm2,400) minn somma akbar miftiehem bhala l-prezz tal-bejgh, illi l-atturi kienu qed jixtru dan il-post “’shell form’ ‘b’tale quale’ kif inhuwa”, u li l-konvenut bejjiegh obbliga ruhu li jlesti l-“entratura komuni ta’ zewg appartamenti”.

Fl-iskrittura privata (Dok.A) jinghad: *“ix-xerrejja qieghdin jaghmlu depositu ta’ somma ta’ elfejn u erba mitt Liri Maltin minn somma akbar ta’ Lm9400 disa t’elef u erba mija, kif mifthema bhala prezz ta’ bejgh.”*; u fil-konvenju (Dok.B u Dok.C) jinghad: *“Versu prezz ta’ sebat elef lira Maltin (Lm 7,000) li minnhom is-somma ta’ elf u sitt mitt lira Maltin (Lm 1,600) ga’ thallset bhala depozitu akkont tal-prezz qabel dana l-ftehim filwaqt li l-bilanc ta’ hamest elef u erba’ mitt lira Maltija (Lm 5,400) jithallas mal-kuntratt finali.”*

Issa, kif jirrizulta ampjament car mill-provi, l-atturi, allavolja kienu saru jafu illi l-fond in kwistjoni kien propjament propjeta’ ta’ terza persuna, u cioe’ ta’ Oreste Gatt, u li ghalhekk il-konvenut Dominic Cutajar ma kienx is-sid propju ta’ tali propjeta’, baqghu jittamaw illi jsir il-kuntratt finali ta’ trasferiment ta’ l-istess propjeta’. Illi ghalhekk, ghazlu li ma jintavolawx kawza ghad-danni meta skada t-terminu tal-konvenju, izda ghazlu li jipprocedu b’kawza sabiex il-konvenut jaddivvjenu ghall- kuntratt finali, u fil-frattemp jikru post (Dok.SC12). – Vide xhieda tal-21 ta’Novembru 2007 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. J. Demicoli.

L-**Artikolu 2153** tal-Kaptolu16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jipprovdi:

> *“l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Spiteri pro et noe v. Castle**, **Qorti Civili, Prim'Awla**, **18 t'Awwissu 1965**, gie ritenut:

> *"ll colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal- bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere"*

*kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilita kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra ( ..) l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzioni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzioni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali* ***jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti****, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill- iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur)* ***kienet illi l-colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali****. Illi anke d-duttrina kontinentali recenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa* ***hafna jrid jithalla ghall- 'interpretazzjoni gudizzjarja' jew, iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispeci dedotti . . .***

*Illi fil-fattispeci il-Qorti jidhirlha illi l-colpa tal-kovenut hija kontrattwali* ***ghaliex intrinsika u haga wahda mal-esekuzzjoni tal-obligazzjoni****... ”* (Enfasi ta’ din il-Qorti)

Illi skond il-provi, il-Qorti tqis illi d-danni li qed jitolbu l-atturi m’humiex ta’natura akwiljana izda huma intrinsikament marbuta ma u konsegwenti ghal konvenju, skrittura u kuntratt t’appalt, bejn l-atturi u l-konvenut Cutajar *“... u ghandhom rapport dirett mal-kuntratt pre-eziztenti*” – vide **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** (Ibid). Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda kolha prodotta mill-partijiet, ma tista’ bl-ebda mod tikkonkludi illi d-danni ma kellhomx rapport ma kuntratt pre-eziztenti jew li kienu indipendenti u awtonomi mir-rapport kuntrattwali. Illi ghalhekk il-perjodu ta’ preskrizzjoni fil-kaz in ezami huwa dak ta’ hames snin.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina l-atti illi bihom giet interotta il-preskrizzjoni, tqis illi ghandha taccenna ghal fattur illi ghandu jinghata il-piz li jisthoqqlu.

L-atturi Caruana, meta dahhlu ghal-konvenju fl-14 t'Ottubru 1993, dahhlu ghalih in buona fede, kienu gharajjes bit-tir li jizzewgu f'data determinata u filfatt izzewgu fil-15 ta' Lulju 1995 (vide fol.63). Illi kif kellhom kull dritt illi jaghmlu u skond il-fakolta' moghtija mill-ligi, il-konjugi Caruana intavolaw proceduri sabiex il-konvenuti jaddevjenu ghall-kuntratt finali. Dawn il-proceduri fallew 'l ghaliex skond dik il-Qorti l-konvenut Cutajar *"... ma setghax jigi mgieghel li jittrasferixxi il-proprjeta' li tirrizulta li mhix tieghu."*- vide sentenza fl-istess ismijiet deciza fit-2 ta' Mejju 2003 Dok E a fol. 15 et seq.

**Dan ma kienx agir "zbaljat",** izda kien l-ezercizzju legittimu ta' rimedju moghti lilhom mill-ligi. Infatti fis-sentenza **Anthony Vella nomine vs Alan Clifford Jones** deciza fit-**28 ta'Frar 1992** per **Onor Imhallef J.Said Pullicino** :

> ***Hu stabbilit mill-provi illi d-ditta attrici ma ghamlet l-ebda att gudizjarju biex tesigi li l-konvenju jigi onorat mill-konvenut kif kellha kull dritt li taghmel jekk kienet konvinta li hi ma kienet bl-ebda mod inadempjenti fit-termini tal-konvenju. Hu ovvju li dan kien ir-rimedju li kien miftuh lill-attur nomine biex jikkawtela d-drittijiet tieghu li l-ligi taghtih biex jargina kull telf jew danni rizultanti mill-allegata inadempjenza tal-konvenut. Il-Qorti ma tarax taht liema figura legali l-attur nomine jista' javvanza pretensjoni ghall-kundanna ta'danni pre-kuntrattwali meta, ex admissis ma uzufruwiex mir-rimedju li l-ligi stess taghtih ex contractu.***

Gialadarba l-atturi ipprocedew in buona fede bir-rimedju legali ghall-addevjament fuq kuntratt finali in segwitu ta' konvenju, u skond is-sentenza fuq citata, dan ir-rimedju **kellu jsir qabel ma setghu jipprocedu ghal-kawza ghad-danni**, isegwi li, **l-ewwel proceduri li fethu l-attur ghandhom jitqiesu li jissospendu l-preskrizzjoni**, l' ghaliex l-azzjoni ta' danni setghat biss tigi ezercitata, skond is-sentenza fuq citata, **wara** illi jinghalqu il-proceduri ghall-addevjament ghall-kuntratt finali.

Infatti kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Anna Vella vs Eric Darmanin** (deciza mill-**Qorti Civili, Prim'Awla**, mill-**Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco**, fl-**10 ta' Dicembru, 2012**):

> *"Japplika wkoll il-principju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli tagixxi fil-kaz fejn l-ezercizzju ta' azzjoni processwali tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament iehor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994),*

Di piu' fil-kaz **Kuludrovic vs Muscat**, deciza fl-**1 ta' Gunju 1959**, il-**Qorti tal- Appell Kummercjali per President Anthony Mamo**, irriteniet:

> ***"Bianco vs Demarco", deciza fit-2 ta'Gunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jigri kif appuntu fil-kaz prezenti, il-preskrizzjoni ghar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza " Se l-esercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);***

Illi apparti dana kollu kif jirrizulta mill-atti ezebiti fil-process gew pprezentati s-segwenti ghall-interuzzjoni tal-preskrizzjoni:

1. 23 ta' Marzu 1994 – Ittra ufficjali b'intimazzjoni li sar ix-xoghol hazin gewwa l-fond in kwistjoni u b'riserva tad-dritt ghall-esekuzzjoni tal-att finali ( fol. 43 – Dok. SC5 )

2. 28 ta'April 1994 – L-attur intavolaw ittra ufficjali kontra l-konvenut sabiex jaddivjeni ghall-att finali (fol.44 – Dok. SC6)

3. 31 ta'Mejju 1994 – L-attur intavolaw kawza kontra l-konvenut sabiex jaddivjeni ghall-att finali;

4. 10 ta'Novembru 1994 – Giet intavolata risposta ghall-ittra ufficjali tal-konvenuti tas-17 t'ottubru 1994 (fol. 46 – Dok. SC8);

5. 20 ta'Marzu 1998 – L-atturi intavolaw ittra kontra l-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hloas ta' danni (fol. 48 – Dok.SC10);

6. 1 ta'Lulju 2000 – L-atturi intavolaw ittra ohra kontra l-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni (fol. 49 – Dok. SC11)

7. 26 t'April 2005 – Giet intavolata l-kawza odjerna;

Illi ghaldaqstant l-azzjoni tal-atturi m'hijiex preskritta skond il-ligi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod evidenti illi minkejja dikjarazzjonijiet ripetuti ta' Domenic Cutajar li ma kienx minnu illi ma resaqx ghall-att finali minhabba nuqqas ta'permess mill-Planning Authority, id-dokumenti ezebiti fl-atti ta' din il-kawza u cioe' il-permessi tal-bini ezebiti a fol. 275 (Dok. JS2 ) u a fol. 276 (Dok. JS3) **juru xorta ohra**.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex il-permess originali Dok. JS2 tal-15 ta' Settembru 1987 juri li kien hemm biss **permess ghal-bini ta' terraced house fuq garage u kien <u>fid-data tas-17 t'April 1995 li hareg il-permess</u> Dok. JS3 a fol. 276 li bih Oreste Gatt kiseb permess ghal-kostruzzjoni ta' zewg appartament fuq garage**
***"in lieu of original plan for terraced house over garage."***

**Il-Qorti tinnota illi l-konvenju bejn Oreste Gatt u Domenic Cutajar kien jiskadi fit-18 t'Ottubru 1994.**

Illi di piu’ **dan gie pjenament ammess minn Domenic Cutajar** fix-xhieda tieghu moghtija quddiem l-Imhallef Tonio Mallia fil-kawza Oreste Gatt vs Domenic Cutajar Citazz numru 670/01/1- vide fol. 302 ta’ dawk l-atti, minkejja l-attentati pwerili tieghu biex jostura l-verita’ tal-fatti quddiem din il-Qorti.

Illi in oltre l-intimati Cutajar jippretendu illi setghu jahslu idejhom minn kull responsabilita’ billi jsostnu illi ma baghtux ghalihom kif suppost biex jaddevjenu ghal-kuntratt bhallikieku l-konvenju tal-14 ta’ Novembru 1993 kif estiz, ma rabatx iz-**zewg partijiet** (cioe Cutajar u l-atturi) u l-konvenju tas-19 t’Ottubru 1992 Dok. OG a fol. 76 ma rabatx liz-**zewg partijiet** (cioe’ Cutajar u Oreste Gatt) sabiex jersqu ghall-att finali.

Il-konvenuti ma pproducewx lanqas xrara ta’ evidenza li turi li huma habirku b’xi mod sabiex l-att finali isehh. Anzi l-provi juru illi Cutajar kaxkar saqajh ghar-rigward tax-xogholijiet kollha illi kellu jaghmel, bil-konsegwenti ansjeta’ u frustrazzjoni ghal koppja Caruana bid-data taz-zwieg dejjem qed tlum fuqhom sakemm wasal biex, fuq pretiza (tisbita tal-idejn fuq il-mejda da parti ta’ Grima fl-ufficcju tan-Nutar Fleri Soler), spicca biex tellef il-bejgh tal-appartament meritu tal-akkuza u precipita sensiela ta’ kawzi.

Il-Qorti taghmel enfasi fuq il-kelma “pretiza” ghaliex jidher illi Gatt u Cutajar kienu kissru r-relazzjoni kummercjali bejniethom, kif jidher mill-atti tal-kawza 670/01 ezebita bhala Dok. EW1 a fol. 286 sa 306.

Ta’ min jaghmel accenn ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Carmelo Zahra u Mario Grixti bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta’ G & Z Construction Limited vs Anthony Cutajar, Joseph Cutajar u Josephine Mercieca** (deciza fil-**25 ta’ Frar, 2005**), fejn il-Qorti riteniet:

> *“Fil-motivazzjoni taghha, l-ewwel Qorti gustament osservat li l-weghda ta’ bejgh hija valida anke jekk min ikun qed iwieghed li jbiegh ma jkunx is-sid tal-haga li fuqha jkun sar il-qbil u zzid li f’kaz simili l-venditur prospettiv ghandu l-obbligu li jakkwista l-haga mwieghda biex ikun jista’ jbieghha. Izda, fl-istess waqt pero’ tkompli tghid “u, jekk ma jsehhux li jiksibha, b’hekk ma jinhelisx mill-obbligazzjoni tieghu izda jkollu jwiegeb ghad-danni talli ma jkunx wettaq dak li wieghed.” ... “il-*

> *kreditrici ghandha wkoll l-ghazla li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obligazzjoni, meta dan ikun possibli."'"..."Issa l-pern tal-kwistjoni kollha dibattuta quddiem l-ewwel Qorti kien propju l-argumentazzjoni tal-konvenuti, appellanti odjerni, li huma ma setghux jadderixxu ma' l-obligazzjoni taghhom ghaliex bicca mill-art irrizultat li kienet tappartjeni lil terzi u li huma ma kienux ottjenewha. Jidher ghalhekk li d-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti, fil-parti dispozittiva tas-sentenza tmur kontra dak li hija stess spjegat qabel meta qalet li "l-kreditrici ghandha wkoll l-ghazla li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obligazzjoni meta dan ikun possibli." Dan ghaliex jekk jirrizulta li l-art ma hix tal-vendituri, din l-art ma tistax validament tinbiegh minnhom. Huwa minnu li, kif tajjeb issottomettew l-appellati, li l-konvenuti appellanti ma jistghux jippruvaw jaharbu mill-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet minnhom assunti billi jghidu li huma gew diffidati minn terzi biex ma jbieghux l-art peress li din kienet fil-fatt tappartjeni lilhom."*

Il-Qorti f'dan l-stadju taghraf illi l-konvenut Domenic Cutajar kien jaf ben tajjeb bix-xogholijiet li l-atturi kienu qed iwettqu fl-appartmanet meritu tac-citazzjoni mhux biss 'l ghaliex huwa kien qieghed jesegwixxi x-xogholijiet fil-partijiet komuni tal-blok tal-appartamenti **izda ukoll minhabba li huwa wkoll kellu jezegwixxi fi xogholijiet ohra ghal konjugi Caruana fil-fond in kwistjoni u l-konjugi Caruana kienu qeghdin jixtru il-materjal minghand il-hanut tieghu stess**. Ghalhekk hija ghal kollox inveritiera l-asserzjoni ta'Cutajar li ma tahx awtorizzazzjoni lill-atturi ghat-twettieq tax-xogholijiet fil-fond de quo.

Illi l-atturi pproducew diversi dokumenti sabiex jipprovaw il-quantum tad-danni illi huma sofrew, u cioe':

**Kera** ta' Lm 30 fix-xahar mill-15 ta' Gunju 1998
sa 15 t'Ottubru 2001
vide Dok. SC12 u 13 minn fol 50 sa 60, Lm 1,200 ................ekwivalenti ghal €2,795

**Ricevuti** ta' spejjez inkorsi:

| | |
|---|---|
| Dok XX1 | 21.55 |
| Dok XX2 | 18.75 |
| Dok XX3 | 6.22 |
| Dok XX4 | 66.84 |
| Dok XX5 | 18.75 |
| Dok XX6 | 35.00 |
| Dok XX7 | 7.20 |
| Dok XX8 | 12.51 |
| Dok XX9 | 0.72 |
| Dok XX10 | 0.87 |
| Dok XX11 | 0.75 |
| Dok XX12 | 1.56 |
| Dok XX13 | 136.11 |
| Dok XX14 | 5.77 |
| Dok XX15 | 32.41 |
| Dok XX16 | 6.60 |
| Dok XX17 | 7.85 |
| Dok XX18 | 13.75 |
| Dok XX19 | 94.99 |
| Dok XX20 | 32.41 |
| Dok XX21a | 149.00 |
| Dok XX21b | 229.00 |
| Dok XX22 | 6.00 |
| Dok XX23 | 1.90 |
| Dok XX23 | 9.50 |
| Dok XX23 | 88.70 |
| Dok XX23 | 8.50 |
| Dok XX23 | 17.10 |
| Dok XX23 | 9.06 |
| Dok XX23 | 0.68 |
| Dok XX23 | 0.78 |

Total Lm 1,040.83 .................................................... ekwivalenti ghal €2,424

Danni totali jammontaw ghal ammont ta' ........................................................**€5,219**

U cioe' €2,795 + €2424

Illi di piu tresqu prova ta'hlas tad-depoziti maghmula:

**Hlas tad-depoziti** tal-Lm2,400 ..........................................ekwivalenti ghal €5,590

Vide Dok. A fol. 5 u l-kopja

tal-Bank drafts a fol. 14

**Hlas tad-depozitu**

u pagament ta’ xogholijiet tal-Lm1,600 ……….................. ekwivalenti ghal €3,727

Vide Dok. D fol. 13 u l-kopja

tal-Bank drafts a fol. 14

Ghaldaqstant jirrizulta r-refusjoni tad-depoziti jammontaw ghall- **€9,317**

U cioe’ €5,590 + €3,727

Dan ifisser:

**Total Globali** **€14,536**

**(€5,219 + €9,317)**

Irrid jinghad f’dan l-istadju li minkejja illi l-attur iddikjaraw fix-xhieda taghhom li huma hallsu l-kera ghal flat Mellifond Flats, Triq il-Mazzola San Pawl il-Bahar lil certu Nicholas Aquilina bejn Gunju 1995 u Mejju 1998, ebda rcevuta ta’ dan il-hlas ma gie ezebit.

Minn naha l-ohra l-konvenuti ma ressqu ebda prova biex jxejjnu l-quantum ta’danni kif prodotti mill-atturi. Illi in oltre ma giet intavolata ebda kontro talba da parti tal-konvenuti ghal kwalunkwe pretiza li seta’ kellhom.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta’u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara il-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’hamest elef mitejn u dsatax–il Ewro (€5,219)**,** tikkundanna l-konvenuti ihallsu t-total ta’ erbghatax–il elf hames mija u sitta u tletin Ewro (**€14,536)** rapprezentanti d-danni fl-ammont ta’hamest elef mitejn u dsatax–il Ewro (€5,219) u refuzjoni tad-depoziti maghmula fis-somma ta’ disghat elef tlett mija u sbatax–il Ewro (€9,317)

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimati mid-data ta’ din is-sentenza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------